Minuti tas-Sittax (16) Laqgħa tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar It-Tlieta, 25 ta' Settembru, 2012 fis-~~18.45~~ 18.00 ta' filgħaxija.

| | Hin Dħul | Hin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 18.00 | 21.05 |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 18.00 | 21.05 |
| Il-Perit Graziella Galea | 18.00 | 20.35 |
| Is-Sur John Bray | Skuzat | |
| Is-Sur Raymond Tabone | 18.00 | 21.05 |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 18.40 | 21.05 |
| Is-Sur Peter Abela | 18.00 | 20.35 |
| Is-Sur Jason Camilleri | 18.00 ~~18.00~~ | 20.05 |
| Is-Sur Jason Camilleri | 20.44 | 21.05 |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 19.08 | 20.00 |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 18.10 | 20.05 |
| Il-Perit Daniel Grima | Skuzat | |
| Is-Sna Jane Chircop | 18.00 | 21.05 |
| Is-Sur Carmel Hili | 18.00 | 21.05 |

Ippreżentati il-minuti tal-laqgħat tminja u ħdax tas-seba' Kunsill. Il-minuti meħuda bħala moqrija. Dawn kienu intbatu' bl-email. Saru il-korrezzjonijiet mitluba. Dawn tniżlu fil-minuti u ġew iffirmati.

Is-segretaju spjega lis-sur Ray Bartrolo kien intalab mid-direttur tiegħu biex jirreżenja mill-post ta' *chairperson* ta' Burmarrad u wkoll mil-kumitatt Administrattiv ta' Burmarrad minħabba li seta' jkollu kunfllt ta' inters fuq xogħolu. Fil-fatt, is-segretaju illum stess kien kiteb lill Prim Minsitru kif ukoll lil-kumissarju elettroali biex jibdew il-proċess biex jintela' il post vakanti ġol-Kumitatt Amministrattiv.

Is-segretarju rega' preżenta l-skeda finanzjarja minħabba li f'laħħar laqgħa ma kienitx waselt fil-ħin. Is-segreteju spejga li bejn dik mibawtha għal-din preżentant fuq il-mejda hemm differnenza ta' 10 ewro, dan ħareg min żball li sar fl-addizzjoni tal-petty cash. Il-bqija l-iskeda hija l-istess.

Kien hemm numru ta' domandi fuq l-iskeda. Jason Camilleri talab li ix-xiri issir min għand kulhadd u mhux min ħanut wieħed. Is-segretrju ikkonferma li xiri qed issir min għand il-ħwient kollha biex ikun hemm bilanċ.

Graziella ġibdet l-attenzjoni li hemm diskrepanza fin-numru. Din id-diskrepanza hija mhux fiċ-ċekk number imma fuq in-numru tal-lista. Intalab li ikunu iċċekjati il-pagamenti linja linja. Hemm uħud mil-pagamenti li intalbu iktar spegazzjoni fuqhom u dawn irridu jergaw jitelaw' fil-laqgħa li jmiss. Il-bqija il-ħalsijiet kienu approvati.

Spjegazzjoni fuq it-triq ta' Burmarrad. Il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad kien idiskuta u qabel li numru ta' residenti iqattaw u jagħmlu parti min triq gewwa Burmarrad. Fil fatt, sar it-taqqtiħ u il-Kumitat Aministrattiv ta' Burmarrad fdal biex iġorr il-materjal li inqalla. Biex inġarr dan il-materjal, tqabdu numru ta kuntratturi b'*direct order*, li ġarrew il-matrerjal u tħalsu *service charge* għal-materjal u inataw *refund* tad-*dumping charge* imħalsa biex jintrema il-materja fil-barrieri awtorizzati. Issa, inħareg tender għall-C25 concerete biex tkun tista tingħata surface lit-triq. Il-*purchase order* qed tkopri l-ammont kollu pero id-*direct order* ħarget għall-massimu ta' 500 Lira Maltin.

Talba għas-CCTV – Is-sur Salerno talab li issiru numru ta CCTV biex jisorveljaw nurmu ta' postijiet. Dan minħabba għad ta' ħsarat u vandaliżmu li qed issir fil-lokalita, fosthom fuq *Bring in Sites*, li issa stess kien għadu kemm daħal rapport li sit fix-Xemxija kien inħaraq u kien hemm graffiti mal-ħitan jheddu lil Joe attard – Kap tal-Green MT. Is-segretarju għandiu immur jara' u jagħmel rapport lill-puluzija.
Jason Camilleri saqsa' jekk dawn hux ser jintużaw biex jinataw ċitazzjonijiet, għax jekk hekk, hu ma' jaqbilx. Sur Salerno qal li dawn il kameras isiru għal-sorveljanza. George Abdilla ser jaħdem fuqa u jkellem lil data protection commissioner biex ikunu jistaw isiru dawn il-kameras. Peter Abela talab li sir konsultazzjoni fuqhom, u dan kien ikkonfermat mis-Sur Salerno. Il-kunsill qabel li jinġab l-informazjoni fuq dawn il-kameras. Rigawrd il-konsultzjoni, Is – Sur salerno qal li bis-saħħa tal-website il gdida, tkun tista issir konsultazjoni man nies.

Stedina għas-segretaju biex jattendi meeting tal-EDEN Network ġewwa Brussels fit-23 ta Ottubru.Il-Kunsillera qablu lis-segretaju George Abdilla jitla' Brussel għal din il-laqgħa.

Lista ta aggornamenti

**Skart**- Is-segretaju qal li fejn jidħol il-ġbir ta'skart mil-lokalita tal-Qawra, huwa kien kellem lil-kuntrattur u dan kien wasal fi ftejim mas-Segretaju fuq il-ħlas dovut. Minħabba li kien qed jiġbor iktar minn 8 tunelati kuljium, hu kien ser jithallas 480 (aparti il-ħlas dovut għall-skips) kuljum, Dan l-ammont ta' flus

skond kif imxiel fit-tender.

Letterboxes – dawn twaħlu u issa bdew jintużaw.

Ittra tal Northercleaneing co ltd rigward ;-għoti tat tenders ta l-iskart. Il-kunsilliera idecidew li NC jigħu jaraw it-tenders fil-kunsill u jaraw huma stess għaliex ma kienux ħaduħ huma it-tender.

Uniformijiet – Segretarju talab li il-kunsilliera jideċidu fuq l-uniformijeit tal-istaff u jingħataw waħda għas-Sajf u waħa għax-Xitwa. Talab ukoll li jiġi ivvutat budget. Il-Kunsilliera Jane Vhircop qed taħdem fuq din, u ser taħdem mal-l-staff fuq l-unifirmi. Is-segretaju qal li hu ma kienx interesat fuq unifomri issa, kul ma ried huwa li l-kunsilliera irridu budget. Hu semma li hemm bzonn madwar 3.500 u 4000 ewros għal-disgħa min nies. Il-kunsilliera qablu ma din in-nefqa.

Increment ta' Josette u Sandra - Il–kunsilliera qablu kollha li dawn jingħataw l-increment li kien dovut lilhom f-awissu li għadda.

Website il-gdida. Jane Chircop qalet li ix-xogħol fuq il-website mixi, David Galea li tqabbad biex jiddisinja il-website kien qed jaħdem fuqa u it-tir kien li jitlesta ix-xogħol sal bidu ta' Ottubru. Jane Chircop preżentat il-kont ta' David Galea li kien għamel biex inxtara id-domanin u spejjes oħra. Il-kunsilliera qablu ma din l-ispiża.

Il-laqgħa kienet sospioza għal-10 minuti.

(Kworum intlaħaq meta rega lura Jason Camilleri)

Bollard ta Triq Sant' Antnin. Is-segretarju qal li intalab li jibda jingħata iċ-ċavetta eletronika b'xejn. Talab lill-kunsilliera biex japrovaw din it-talba, minħabba li kull ċavetta tiswa 35 Ewro. Raymond Tabone spejga lil dan kien qed jitolbu għax mhux sew tipponi fuq ir-residenti spejjes hekk u la din kienet idea tal-kunsill allura iċ-ċavetta tingħata b'xejn.

Raymond Tabone qall ukoll li kellu 3 proposti għal din it-triq, dawn huma : li l-bollard tisfel issir ukoll electronika, l-oħra hi li titneħħa il-bollard tan-nofs u issir tisfel eletronika ukoll, u lahar proposta hi li jitneħħa kollox. Inqabel li ta' isfel issir ukoll eletronika, u jitwessaw numru ta' bankini. Raymond Tabone ser jaħdem fuq din il-proposta.

Jason Camilleri talab li jinxtraw numru ta' plastic bollard biex jintuzaw flok il u-bends. Dawn jiswew madwar 5 Ewros. Intqabel li jinxtraw 50 bollard biex inkunu nistaw nipruvawhom.

Is-segretarju qal li kellu talba ta resident li inaqta' iċ-ċavetta eletronika ħames snin ilu u tilifa. Talab biex itijulu b'xejn. Il kunsilliera qablu.

Triq il-Villegjatura – ħanut talab *loading and un loading bay*. Raymond Tabone ser jiċċekja fuq dan.

kien sa massimu ta 12 il-tunellata kuljum, meta jinqabes dan kien ser jithallas 240Euro oħra. Dan kien ser ifisser spiza inqas ta 240 ewqro kuljum għall-Kunsill.

Minħabba il problema tal-ħin, (u l storbju li qed ikun hemm) il-ġbir tal-iskart kien ser jeqleb għal-ħin ta filgħodu mill 15 ta' Ottubru. Ser tinħareg ittra oħra lir-residenti biex tinfurmhom bit-tibdil.

Hemm bżonn li il-gbir reċikklabli jiżid sabiex jonqos it-tunnellaġ miġbur ta' kuljum u b'hekk tonqos in-nefqa ta' gbir tal-iskart ta' kuljum. Ser issiru numru ta' laqgħat mal-kummerċjal, zonna biex jigi spegat is-sitema ta l-skart kemm domestiku kif ukoll reċikklabli. Fir-rigward ta' l-skart kumerċjali tar-restoranti, is-segretarju qal li kien talab lil Awtorita Tat-turismu formalment biex tinvestiga fuq il-problema li għadna ta l-iskart.

l-area ta' quddiem Piscopo – Is-Sur salerno talab biex nerġgħu naqbdu il-proġett ta' quddiem Piscopo, u nirrangaw l-*area*. Is-Sur Peter Abela sema' li Piscopo kien qabel mal-Kunsill ta' qabel u kien hemm qblil fuq kolox aparti mit-teatru Grieg. Piscopo kien lest li jagħmel ix-xolijiet kollha hu stess. Din terga' tigi diskussa u titpoġġa fl-agenda tal-laqgħa li gejja.

Tender tad-tiżjin tal mieled – Is-segretaju talab lil Kunsilliera japprovaw li it-tender jinhareg fuq 10 tijiem biex jitlaħħaq jigi ix-xogħol għal-Milieled. - kunsiliera qablu ma din it-talba

Talba ta Adam Bugeja biex jizdied fil-ħals għas-servizzi tiegħu. Is-segretarju spejga li Adam Bugeja talab li minħabba li it-tender tiegħu kien antik u skada u minħabba li l-fuel u l-materjal kien għola sostanzjalment f'dawn l-aħħar ħames snin, talab li jkollu żieda ta' 10 fil-mija fuq il prezz essistenti. Il-kunsilleira qablu li dan jiżidied, pero is-sur Bugeja irrid jigarantixxi li jtella' iktar xolijiet tal-kunsill. It-tender tas-Sur Bugeja gie estiss għal-erba' xhur oħra u dan il-perjodu irrid joħroġ u jsir it-tender għal dawn ix-xogħlijiet.

Bandli tal-veċċ–Issugerit li il-funtana li hemm tiġi imneħħija u minfloka issir apparat għat-tafl is-Segretarju ser ikellem lil perit biex jitfalssal pjan u tender għal dawn il-bandli.

Extension tad-tenders tas-*soft areas* – Is-segretarju talab għal-extension ta' sitt xhur għat-tender tal-ELC sabiex f'dan il-hin ikun jista jigi infassal u joħrog it-tender tas-soft areas mill-ġdid. Il-Kunsilliera kollha qablu.

Extra cleaning tat-toroq fil-low season. l-segretarju talab li għal-darba oħra jiżdied cleaning services mil-kuntrattur Frankie għal żmien tax-xitwa. Dan-is-servizz kien ibażat fuq dak li sar ix-xitwa l-oħra li kien tindif li sar minħabba li ma kien ikalkulat fit-tender eżistenti. Il-kunsilliera kollha qablu li dan is-servizz jiżdid.

Għażla tal-komputers u laptops. Wara diskusjoni li saret, is-segretaju intalab jerga' jippreżenta l-lista kompleta lil-kunsilliera kollha. Din ser titella għall-laqgħa li jmiss.

Animal Welfare – Mario salerno ser jaħdem fuq din..

Expression of interest – is-segretaju presenta lil-kunsillieri l-expression of inters tal-vannijiet u tas-shuttle service biex dawn ikunu jistaw jarawhom u jideċidu għal-quddiem.

Stainless steel hairpins għas-sirens u Bugibba saltpans. – is-segretarju propona li isiru set ta hairpins magħmulin min stainless steel, bħalma kien ħadem iċ-ċirkewwa għal użu tal-għaddasa. Dawn ikunu permamenti fil-post pero jistgħu jinqalaw. Propost li jsiru ħdejn is-sirens u sett ħdejn Bugibba saltpan, fejn dejjem kelna tgergir mir-residenti. Il-proposta intlaqat tajjeb. Jason camilleri talab flimkein mas-segretaju immur jara' taċ-ċirkewwa u wara inmexxu bil-proposta.

Qabel ma' daqqu is-disgħa, is segretaju talab estenzjoni ta' 5 minutii qabel ma jiskadi il-ħin, liema proposta intalqet unaminament.

Mandy Buhagair talbet li titneħħa il-pond tal-veċċ u minflok jestendu il-bandli. Din il-proposta intlaqet mill kunsilliera kollha. Bandli tal-veċċ – issuġerit li il-funtana li hemm tigi imneħħija u minfloka issir apparat għat tfal-is-segretarju ser ikellem lil perit biex jitfalssal pjan u tender għal dawn il-bandli. Mario Salerno propona li jsir outdoor gym vicin tal-kosta. Issir ukoll playing filed zgħira għat-tfal zgħar quddiem l-għassa tal-pulzija il-Qawra. Mabula s-somma ta' 20k ghal tal-veċċ u 15 k għall-quddiem il-puluzija.

Jane Chircop talbet patching għax trejqejt x-xagħra tal-bandiera. Porposta inqablet minn kulħadd.

Carmel Hili semma il-porposta ta' *hanging gardens* li halija ġa hemm ivutati 20 elf Ewro. Trid tinħareg Expression of Interest.

Raymond tabone talab' li issir xogħol ta' tindif ġewwa ix-Xemxija fuq il-katusi li hemm biex imexxu strom qater, liema katusi jintlew meta issir Grigalata. George Abdilla u Raymond Tabone ser jaħdmu fuqa.

Alex Bezzina talab li nerġaw ngħinu lil tal-Powerrboats billi nisponsorjawlhom trophies u wkoll il-wardens, liema proposta intalwqet mil kullħadd. Alex Bezzina talab ukoll li nipruvaw naħdmu xi ħaga għaż-żagħżagħ delettati ta' skateboards u roti. Alex Bezzina ser jara' x'jista' isir.

Il-Laqgħa intemmet fid-disa' u ħamsa.

Laqgħa aġġornata għad-19ta Ottubru 2012 fil-17.30 hrs.

***Mario Salerno***
***Sindku***

***George Abdilla***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***